



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.3.2014
COM(2014) 203 final

ANNEX 1

ANNESS

PROTOKOLL

għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, li jikkonċerna Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Tuneżija fil-programmi tal-Unjoni

mal-

Abbozz ta'

DEĊIŻJON TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Protokoll mal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom , min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, rigward Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija dwar il-prinċipji ġenerali tal-parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Tuneżija fil-programmi tal-Unjoni

ANNEX

PROTOKOLL

għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, li jikkonċerna Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija dwar il-prinċipji ġenerali għall-partekipazzjoni tar-Repubblika tat-Tuneżija fil-programmi tal-Unjoni

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Unjoni",

min-naħa l-waħda,

u

r-REPUBBLIKA TAT-TUNEŻIJA, minn issa msejħa "it-Tuneżija"

min-naħa l-oħra,

minn hawn 'il quddiem imsejħa konġuntament "il-Partijiet"

Billi:

- (1) It-Tuneżija kkonkludiet Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min naħa, u t-Tuneżija, min-naħa l-oħra (minn issa msejjaħ "il-Ftehim"), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1998.
- (2) Il-Kunsill Ewropew ta' Brussell tas-17/18 ta' Ġunju 2004 laqa' b'mod favorevoli l-proposti tal-Kummissjoni għal Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) u aċċetta l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2004;
- (3) Il-Kunsill, f'bosta okkażjonijiet oħrajn, ikkonkluda ripetutament favur din il-politika.
- (4) Il-Kunsill, fil-5 ta' Marzu 2007, esprima l-appoġġ tiegħu għall-approċċ ġenerali u globali deskritt fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Diċembru 2006, COM(2006) 724 finali, sabiex l-isħab tal-politika Ewropea tal-viċinat ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-ħidma tal-aġenziji Komunitarji u l-programmi Komunitarji fuq il-merti tagħhom u fejn l-bażijiet legali jippermettu;
- (5) It-Tuneżija esprimiet x-xewqa tagħha li tipparteċipa f'għadd ta' programmi tal-Unjoni.
- (6) It-termini u l-kondizzjonijiet speċifiċi applikabbli għall-partekipazzjoni f'kull programm partikolari, notevolment il-kontribuzzjoni finanzjarja u l-proċeduri ta' rapportar u tal-evalwazzjoni, iridu jiġu stabbiliti bi ftehim bejn il-Kummissjoni Ewropea, li tagħxi f'isem l-Unjoni, u t-Tuneżija,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

It-Tuneżija titħalla tipparteċipa fil-programmi kollha tal-Unjoni attwali u futuri miftuħa għall-partekipazzjoni tat-Tuneżija f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti li jadottaw dawn il-programmi.

Artikolu 2

It-Tuneżija tikkontribwixxi finanzjarjament għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea li jikkorrispondi għall-programmi speċifiċi li fihom tipparteċipa t-Tuneżija.

Artikolu 3

Ir-rappreżentanti tat-Tuneżija jitħallew jieħdu sehem bħala osservaturi u, għall-punti li jikkonċernaw lit-Tuneżija, jitħallew jipparteċipaw fil-kumitati tal-ġestjoni responsabbli mill-monitoraġġ tal-programmi li t-Tuneżija tikkontribwixxi finanzjarjament għalihom.

Artikolu 4

Il-proġetti u inizjattivi mressqa minn parteċipanti mit-Tuneżija, kemm jista' jkun, ikunu suġġetti għall-istess kundizzjonijiet, regoli u proċeduri li għandhom x'jaqsmu mal-programmi kkonċernati kif huma applikati lill-Istati Membri.

Artikolu 5

It-termini u l-kondizzjonijiet speċifiċi rigward il-parteċipazzjoni tat-Tuneżija f'kull program partikolari, b'mod partikolari l-kontribuzzjoni finanzjarja pagabbli u l-proċeduri tar-rapportar u tal-evalwazzjoni, jiġu determinati bi ftehim bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet Tuneżini kompetenti fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti permezz tal-programmi kkonċernati.

Jekk it-Tuneżija tapplika għall-assistenza esterna tal-Unjoni biex tipparteċipa fi programm partikolari tal-Unjoni abbażi tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija jew skont kwalunkwe Regolament simili li jipprovd i għall-assistenza esterna tal-Unjoni lit-Tuneżija li tista' tiġi adottata fil-ġejjieni, il-kondizzjonijiet li jirregolaw l-użu mit-Tuneżija tal-assistenza tal-Unjoni jiġu deċiżi fi ftehim ta' ffinanzjar.

Artikolu 6

F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, kull ftehim konkluż bis-saħħa tal-Artikolu 5 jistipula li l-kontrolli, l-awditi finanzjarji jew verifiki oħra, inklużi l-investigazzjonijiet amministrattivi, isiru mill-Kummissjoni Ewropea, mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi u mill-Qorti tal-Awdituri, jew taħt l-awtorità tagħhom.

Isiru dispożizzjonijiet dettaljati dwar kontroll u verifika finanzjarja, miżuri amministrattivi, penali u rkupru li jippermettu lill-Kummissjoni Ewropea, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi u l-Qorti tal-Awdituri li jiġu mogħtija setgħat li jkunu ekwivalenti għas-setgħat tagħhom fir-rigward tal-benefiċjarji jew il-kuntratturi stabbiliti fl-Unjoni.

Artikolu 7

Dan il-Protokoll dwar ftehim qafas japplika għall-perjodu li fih ikun fis-seħħ il-Ftehim Ewro-Mediterranju.

Dan il-Protokoll jiġi ffirmat u approvat mill-Partijiet f'konformità mal-proċeduri rispettivi tagħhom.

Kull Parti tista' tiddenunzja dan il-Protokoll b'notifika bil-miktub lill-Parti Kontraenti l-oħra. Dan il-Protokoll jintemm sitt xhur wara d-data ta' din in-notifika.

It-tmiem ta' dan il-Protokoll li jiġi wara denunzja minn kwalunkwe waħda mill-partijiet ma jkollu l-ebda influwenza fuq l-ispezzjonijiet u l-kontrolli li jitwettqu taħt id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 5 u 6 fejn xieraq.

Artikolu 8

Mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, u kull tliet snin wara dan, iż-żewġ Partijiet jistgħu jirrevedu l-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll abbażi tal-parteeipazzjoni effettiva tat-Tuneżija fil-programmi tal-Unjoni.

Artikolu 9

Dan il-Protokoll jgħodd, min-naħa, għat-territorju li fih japplikaw it-Trattati dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea skont il-kundizzjonijiet stipulati f'dawn it-Trattati, u, min-naħa l-oħra, għat-territorju tat-Tuneżija.

Artikolu 10

Sakemm jidħol fis-seħħ, il-Partijiet jaqblu li japplikaw provviżorjament dan il-Protokoll mid-data meta jiġi ffirmat, bil-kundizzjoni li l-proċeduri neċessarji jitlestew aktar tard.

Dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin permezz ta' mezzi diplomatiċi dwar it-tlestija tal-proċeduri tagħhom meħtieġa biex jidħol fis-seħħ.

Artikolu 11

Dan il-Protokoll jiffirma parti integrali mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Tuneżina min-naħa l-oħra.

Artikolu 12

Dan il-Protokoll jiġi kkompilat f'żewġ kopji bil-Ġermaniż, bl-Ingliż, bl-Għarbi, bil-Bulgaru, bil-Kroat, bil-Daniż, bl-Ispanjol, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Grieg, bl-Ungeriż, bit-Taljan, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Isvediż, biċ-Ċek u kull wieħed minn dawn it-testi huwa awtentiku bl-istess mod.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Unjoni Ewropea

Għar-Repubblika tat-Tuneżija